weReurope

– European Lifelong Learning by Intercultural Dialogue
141756-LLP-2008-AT-GRUNDTVIG-GMP
http://www.weReurope.eu

## Consortium:

ibw, (Institute For Research On Qualifications And Training Of The Austrian Economy ) Austria (Lead Partner)
Kanaal 127, Belgium
Centre for Social Innovation (ZSI), Austrian Science and Research Liaison Office (ASO), Bulgaria
University of Jena / Intercultural Business Communication, Germany
ARCI - Italian Association for Recreation and Creativity, Italy
SRC-SASA Scientific Research Centre of the Slovenian Academy of Sciences and Arts, Slovenia
RÄÄ (National Heritage Board), Sweden
Credit Works Ltd, U.K.

This project has been funded with support from the European Commission. This text reflects the views only of the authors, and the Commission cannot be held responsible for any use which may be made of the information contained therein.

## Min hi l-Ewropa?

L-Ewropa li qed tespandi ghandha bzonn strumenti innovattivi biex tippromovi l-koezjoni socjali qalb l-istati membri. Il-kultura u l-arti ta' kuljum jistghu iservu bhala intermedjarji ghall-approcc sostenibbli lejn l-edukazzjoni u biex innehhu d-differenzi kulturali. Nistghu nidentifikaw wirt kulturali fuq xhiex tista' tinbena visjoni futura tal-Ewropa ghal kulhadd, u nistghu inpoggu dawn is-sejbiet go ghodda tat-taghlim trasferibbli li tista' tghin biex tingheleb il-ksenofobija u tiffavorixxi d-diversita? Ahna l-Ewropa.

## Gejjin Flimkien: Konferenzi tal-KDI

Dan il-konsorzju ta' progetti ha jizviluppa, jezamina u jevalwa mudell ta' Konferenzi ta' Djalogu Interkulturali (KDI) bhala ghodda li tghin biex taghmel moghdijiet ghall-istudenti adulti biex izidu l-gharfien taghhom fuq l-Unjoni Ewropea u l-kompetenzi interkulturali taghhom permezz tal-Agenzji tal-istudenti Adulti. Approcci li jpoggu l-istudent fic-centru taghhom, kif ukoll l-uzu tal-arti u l-kultura bhala intermedjarji jipprovdu metodologija rikka (li kienet ta' success fi progetti GRUNDTVIG ohrajn, per ezempju ARTEMIS) biex jigu immotivati l-attivitajiet tal-istudenti, izidilhom il-kunfidenza fihom infushom, u joffri appogg ghall-espressjoni kreattiva, il-komunikazzjoni u l-iskambju interkulturali. Hames konferenzi regjonali tal-KDI sa jinvolvu lill-partecipanti permezz tan-"networks" regjonali/nazzjonali tal-imsiehba, kif ukoll permezz tal-esperti mis-seba' u ghoxrin stati membri fl-Unjoni Ewropea. Dawn huma invitati biex jiddiskutu mistoqsijiet relevanti u l-ostakli irrelatati mal-integrazzjoni Ewropea (per ezempju konflitti/rezoluzzjoni tat-transkonfinali, migrazzjoni ghax-xoghol, it-Trattat ta' Lisbona...), kif ukoll jiehdu rwol attiv fl-izvilupp tal-istrategiji pedagogici u l-kitba tal-konferenzi KDI. Bhala multiplikaturi, il-participanti kollha tal-konferenzi KDI se jilhqu udjenza Ewropea permezz tal-istituzzjonijiet taghhom, ixerrdu l-idea tal-progett fix-xoghol taghhom ta' kuljum, permezz ta' kartolini, "newsletters" u lezzjonijiet. B'hekk l-Istituzzjonijiet tal-istudenti Adulti ha jkunu pprovduti b'Kitba tal-Konferenzi tal-KDI ("brochure", CD) kif ukoll kuncetti didattici u metodologici zviluppati ghal uzu futur. Il-Kitba tal-Konferenzi tal-KDI jinkludu metodologija KDI biex jilqa' l-Istituzzjonijiet tal-istudenti Adulti u metodologiji ta' motivazzjoni meta jigu mniehdija processi ta' taghlim ma' "target audiences".

## It-Tapit ta' Simboli u Memorji

Waqt il-progett kollu sa jinholoq "tapit ta' simboli u memorji" (vera u virtwali) li jispira u jfisser id-diversita fl-unita. Il-partecipanti kollha tal-Konferenza tal-KDI sa jigu mistoqsija biex igibu maghhom ogget relatat ma' wiehed mil-pajjizi vicini, kif ukoll storja bil-lingwa taghhom u bl-Ingliz. Sa l-ahhar tal-progett, is-simboli u l-istejjer jigu migbura, u hekk juru l-potenzjal rikk ghall-komunikazzjoni interkulturali li jinsabu f'oggetti u t-tifsira taghhom ghall-individwi u gruppi. Dan it-tapit ta' simboli u memorji sa jigi mniedi fuq is-sit elettroniku tal-progett u b'hekk jkompli wara li jkun spicca l-progett.

## Strategiji Pedagogici Ewropej

Wahda mid-diskussjonijiet importanti fuq il-futur tal-Unjoni Ewropea hi kif ha timmotiva n-nies biex jitghallmu, specjalment gruppi mmarginalizzati fis-socjeta. L-imsiehba fil-progett ta' weReurope, kif ukoll l-esperti, sa jiddiskutu u jizviluppaw flimkien strategija pedagogika Ewropea biex jimmotivaw it-taghlim permezz tal-kultura u l-arti biex jinholoq sens ta' propjeta permezz ta' involviment attiv tal-istudenti. Dan il-progett sa jiddeskrivi r-rizultati ta' taghlim ghall-partecipanti u l-imsiehba tal-progett u johloq strategija ghall-gharfien u validazjoni ta' dawn ir-rizultati ta' taghlim minn taghlim interkulturali (formali u mhux formali).

## weReurope – Attivitajiet importanti:

- Prezentazzjoni ta' metodologiji didattici bhala punt ta' bidu ghad-disinn tal-KDI (l-ewwel konferenza fuq djalogu interkulturali)
- Tnedija tal-sit elettronika interattiva u tapit virtwali ta' simboli u memorji
- Zvilupp ta' strategiji metodologici u rekommandazzjonijiet f'hames Konferenzi tal-KDI
- Disinn tal-KDI b'ghodda metodologika ghall-"monitoring" (kumpass tal-kompetenza, Djarju ta' taghlim tal-KDI), assigurazzjoni tal-kwalita u addattament permanenti
- Publikazzjoni tal-kitba tal-KDI
- Identifikazzjoni u strategija ghar-rikonoxximent tar-rizultati ta' taghlim interkulturali (informali u non-formali)
- Strategiji pedagogici Ewropej biex timmotiva gruppi immarginalizzati
- Tixrid tar-rizultati u prodotti

## Konferenzi tal-KDI (Struttura Geografika)




### Is-suggetti tal-Konferenzi tal-KDI:

Vienna: "(Passat u Prezent) Kunflitti Transkonfinali u Kompetenza Interkulturali"

Ruma: "Il-Kultura u l-Arti bhala Intermedjarji biex timmotiva Studenti Immarginalizzati, l-Espressjoni Artistika u Self Consciousness"

Stockholm: "Kultura Populari u l-Wirt Kulturali u r-Relevanza taghhom ghat-Taghlim matul il-Hajja"

Sofia: "Rekwiziti Bazici ghat-Taghlim matul il-Hajja (jiffoka fuq l-Ewropa ta' Isfel u Lvant) – Infrastruttura ghall-Motivazzjoni"

Kortijk: " Kompetenzi Importanti Interkulturali, l-impatt fuq il-Kultura tal-Kummerc u s-Suq tax-Xoghol"

Education and Culture DG
Lifelong Learning Programme

IBW - INSTITUTE FOR RESEARCH ON QUALIFICATIONS
AND TRAINING OF THE AUSTRIAN ECONOMY
A-1050 Wien, Rainergasse 38
Tel.: +43/1/ 545 16 71-25, Fax: +43/1/545 16 71-22
E-Mail: thum-kraft@ibw.at